# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 662/2017**

***PKR's CONSTRUCTION CO. LTD***

***vs.***

***MASSIMO FENECH***

**Il-Qorti:**

1. Rat li fuq talba tal-konvenut Massimo Fenech, din il-qorti kienet waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju, 2022, tat digriet li permezz tiegħu kkanċellat dawn il-proċeduri skont l-**artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan minħabba li ħadd mill-kumpannija attriċi jew mill-avukati tagħhom ma kienu dehru għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa tliet darbiet;

2. Tqis li mid-data tas-27 ta' Ġunju, 2022 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u f'dan iż-żmien ħadd ma ressaq rikors taħt l-**artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Dan iż-żmien imsemmi fl-**artikolu 199** huwa wieħed li ma jistax jittawwal mill-qorti, b'dana li darba jgħaddi dan it-terminu l-proċeduri ma jistgħux jerġgħu jiġu appuntati mill-ġdid. Tant hu hekk, li kull digriet li jappunta kawża mill-ġdid wara li jkun laħaq għadda dan it-terminu, huwa meqjus bħala null (ara ***Visa Investments Limited v.***

***Blye Engineering Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020);

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda ttenni d-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2022 dwar il-kanċellament ta' dawn il-proċeduri u dwar il-ħelsien tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju u fl-istess waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar ir-rikors maħluf tal-kumpannija attriċi u l-kontro-talba tal-konvenut u b'hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħi dawn il-proċeduri b'mod permanenti minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**L-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-esperti ġudizzjarji għandhom jitħallsu mill-kumpannija PKR's Construction Co. Ltd bħala l-parti li abbandunat il-proċeduri.**

**Digriet mogħti llum, nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2022.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**